MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 2581/2002

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom ta' l-Enemalta**

**vs**

**Angela Grixti**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-Korporazzjoni attrici fid-29 ta' Ottubru, 2002, fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u sebgha u sebghin lira Maltija u seba' centezmi (Lm877.07) rapprezentanti kontijiet pendenti ghall-konsum ta' l-ilma u kera ta' meter ta' l-ilma li jammonta ghal tnejn u tletin lira Maltija u erbgha u tletin centezmu (Lm32.34) u tmien mija u erbgha u erbghin lira Maltija u tlieta u sebghin centezmu (Lm844.73) ghall-konsum ta' l-elettriku u kera ta' meter ta' l-elettriku fil-fondi 13/3, Triq it-Turgien, Valletta u 106A/3, Triq l-Ifran, Valletta, ghall-**

**perijodu bejn is-27 ta' Frar, 1992 sat-22 ta' Frar, 2002 skond il-kontijiet numri 100/107420 u 050/59860(1) u d-dokumenti annessi (WSC1, WSC2 u WSC3);**
**Bl-ispejjez, inkluzi hdax-il lira Maltija u hamsin centezmu (Lm11.50) spejjez ta' ittra ufficjali tat-22 ta' Jannar, 2001, u bl-imghax kummercjali, kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta pprezentata fl-4 ta' DIcembru, 2002 fejn gie eccepit:**
**1. Illi parti mill-ammont pretiz bhala kera ta' meters huwa preskritt a tenur ta' l-artikolu 2148(f) tal-Kap 16.**
**2. Illi parti mill-ammont pretiz bhala konsum huwa preskritt a tenur ta' l-artikolu 2156 (f) tal-Kap 16.**

**Semgha x-xhieda ta' Antonella Axisa, Angela Grixti. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra;**
**1. Illi l-korporazzjoni attrici qed titlob hlas ta' konsum ta' ilma u elettriku u konsum ta' meter ghal perjodu mis-27 ta' Frar, 1992 sat-22 ta' Frar 2002 rigwardanti l-fondi 13/3 Triq it-Turgien, Valletta u 106A/3 Triq l-Ifran, Valletta.**
**2. Jirrizulta li l-ahhar pagament mill-attrici lill-koporazzjoni sar fis-17 t'Awissu 1998 u dana kif jirrizulta mid-Dok WSC 2. Jirrizulta wkoll li l-konvenuta kienet giet notifikata b'ittra ufficjali datata 22 ta' Jannar 2001 u dana fil-31 ta' Jannar 2001.**
**3. Il-konvenuta qieghda tghid li ma toqghodx fi Triq l-Ifran u lanqas fi Triq it-Turgien, u li llum toqghod f'186 Flat 1, Triq ir-Repubblika Valletta fejn ilha tghix hames snin.**
**4. Il-konvenuta spjegat li kienet inharqitilha d-dar 13 Triq it-Turgien, filwaqt li ilha li telqet minn Triq l-Ifran mis-sena 1986. Il-fond ta' Triq it-Turgien ghadu ghandha u ma t'abitax fih. Il-konvenuta xehdet ukoll li kienet avzat lill-korporazzjoni li ma kienetx t'abita fi Triq l-Ifran, pero' tispjega li m'ghandhiex karti ghax kienu nharqulha. Il-konvenuta fix-xhieda taghha qalet**

**hekk: « jiena preparata li nhallas xi haga pero' mhux l-ammont kollu f'daqqa « .**

**5. It-Tribunal jirrileva illi in vista tax-xhieda tal-konvenuta meta hi qed tghid li lesta li thallas, dana wahdu jikser kwalunkwe perjodu preskrittiv u dana a tenur ta' l-artikolu 2133 tal-Kap 16.**

**6. Apparti minn dan it-Tribunal jirrileva illi ghalkemm il-konvenuta eccepiet il-preskrizzjoni tat-tmintax-il xahar, fil-fatt il-preskrizzjoni se mai applikabbli f'dan il-kaz hija ta' hames snin.**

**7. Bhala fatti t-Tribunal qed jaccetta illi mill-ammont reklamat ghandu jitnaqqas l-ammont ta' mija u hmistax-il lira u sebgha u sebghin centemzu (Lm115.77) li definittivament jirrigwardaw il-fond ta' Triq l-Ifran li t-Tribunal qed jaccetta li l-konvenuta kienet informat lill-korporazzjoni li ma kienetx qed taghmel aktar uzu minnu. Jidher li l-bilanc dovut huwa ta' seba' mija wiehed u sittin lira u tletin centezmi (Lm761.30).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li qed jichad l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni sollevati ghal ragunijiet fuq indikati, qed jilqa' t-talba attrici fis-somma ta' seba' mija wiehed u sittin lira u tletin centezmi (Lm761.30) u jikkundanna lill-konvenuta li thallas lill-korporazzjoni attrici l-isemmija somma ta' seba' mija wiehed u sittin lira u tletin centezmi (Lm761.30), bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru millum.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------